MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 454/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ramon Mercieca)**
**Vs**
**George Tabone**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 480959 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Gram Collections Limited u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta’ l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, fid-29 ta’ Dicembru 2010 gewwa Gram Collections – Paola Square – Paola, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuti fiskali permezz ta’ cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-

Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 ta' l-Att Nru XXIII ta' l-1998.
U aktar talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dn bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Novembru, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e), 82 u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni u tieghu kkundannatu multa ta' seba` mitt Ewro (€700) u multa addizzjonali ta' €660.50 rapprezentanti ghaxar darbiet it-taxxa perikolata.  Stante li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 ta' Novembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-provi, tal-fatti kif ukoll tad-dritt.

Ili bid-dovut rispett l-Ewwel Qorti ma ttrattatx il-kaz pendenti bil-mod misthoqq bhala kaz kriminali.  Dan qed

jinghad peress li ma tat l-ebda konsiderazzjoni lejn in-nozzjoni guridika ta' l-element morali rikjest fid-dritt. Inoltre injorat ghal kollox dak li tipprovdi l-ligi stess li l-appellant ma jista` qatt jigi ritenut responsabbli ghall-agir tad-dipendenti tieghu jekk ikun wera d-diligenza rikjesta.

Illi inoltre l-Qorti injorat il-principju kardinali li filwqt li l-prosekuzzjoni trid tipprova dak allegat minnha sad-dubbju dettat mir-raguni d-difiza trid tipprova dan sal-grad tal-probabbilita`.

Illi mill-provi processwali jirrizulta bl-aktar mod skjaccanti li l-appellant ghamel dak kollu possibbli sabiex jimxi skond il-ligi u wera altro che diligenza sufficjenti fil-gestjoni tan-negozju tieghu. F'dan is-sens jinghad li huwa mpjega nies kompetenti u dahhal sistema kompjuterizzata state of the art sabiex zgur kollox ikun regolarizzat skond il-ligi.

Illi minhabba f'dan, l-appellant ma jista` qatt jigi ritenut responsabbli kriminalment ghal xi zball maghmul minn xi impjegat tieghu. Kulhadd huwa suxxettibbli ghall-izbalji u d-difiza ma tistax tifhem din ir-rigidita` kollha applikata f'dawn il-kaz ekonomici, rigidita` li f'dan il-kaz zgur issarrfet f'ingustizzja.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Semgħet ix-xhieda mill-ġdid.

Ikkonsidrat

Li fix-xhieda tiegħu Chris Spiteri, spettur tal-VAT, qal li nhar id-29 ta' Diċembru 2010 kienu għamlu spezzjoni fl-istabbiliment ta' Raħdal Ġdid li għandu l-appellant. Huma talbu r-rapport ta' sales tal-ġurnata u l-kopji tal-irċevuti li jkunu nħarġu. Huma ndunaw li fuq l-irċevuti ma kienx hemm l-exemption number li jingħata mid-Dipartiment tal-VAT meta jkun hemm computerised system minflok cash register jew ktieb tar-riċevuti.

Biex ikun hemm din il-computerised system l-istabbiliment iqabbad awditur privat u jagħmel applikazzjoni mal-VAT Department. Wara l-applikazzjoni u l-verifika tal-computerised system, id-Dipartiment joħroġ l-exemption number sabiex l-istabbiliment ikun jista' juża l-computerised system.

Meta eżaminaw l-irċevuta, din ma kienx fiha exemption number iżda kellha VAT number. Fejn ikun hemm il-cash register ma jkunx hemm bżonn tal-exemption number. Meta jkun hemm computerised system, id-Dipartiment jinsisti li jiċċekkjaha u vverifikata mid-Dipartiment. Fl-ispezzjoni sabu l-computerised system iżda mhux l-exemption number.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li kienu tkellmu mal-impjegata Lioney Parnis li ma qaltilhomx li s-sistema kienet għadha kif ġiet installata. Din l-impjegata l-irċevuti kienet qed toħroġhom. L-irċevuta ma tkunx fiskali meta ma jkollhiex l-exemption number. Ma kienx każ fejn xi klijent kien qed joħroġ bla riċevuta.

Lioney Paris xehdet li x-xogħol tagħha huwa li taqdi n-nies u li toħroġ riċevuti. Hija iddaħħal il-code, tagħfas OK u toħroġ ir-riċevuta.

Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li f'Diċembru huma kienu għadhom kif qalbu għas-sistema komputerizzata. Ħadd ma lmenta li ma kinitx ingħatat riċevuta. L-imgħallem dejjem kien qalilha beix toħroġ riċevuta. Filfatt kien hemm min uriehom kif għandhom joħorġu l-irċevuta.

Xehed ukoll l-appellant (21 ta' Jannar 2013). Dana spjega li bil-cash register kien qed ikollhom problemi għax l-istokk kien ikollu jinqata' manwalment. Bis-sistema l-ġdida kellu jinqata' kollox ċentrlment mill-uffiċju tagħhom ġewwa Birkirkara. Din saret għall-ħabta ta' Diċembru u kien qabbad awditur u accountant biex jagħmel kollox regolat mill-VAT. Il-VAT titħallas kollha għaleix is-sistema taħdem. Huwa kien ikkonsulta mal-awditur u mal-accountant qabel ma daħħal is-sistema. Hu kien qalilhom biex jeħdulu ħsieb kollox biex ikun in regola. L-awditur

kien kellem lill-awditur fuq sistema fiskali. L-accountant u n-nies tal-IT kellhom jittrenjaw in-nies kif taħdem is-sistema.

Huwa qatt ma kien ra nuqqasijiet fis-salegirl u meta jimpjega n-nies jieħu l-prekawzjonijiet kollha biex jagħżel in-nies b'mod tajjeb.

Fil-kontro-eżami huwa kkonferma li huwa direttur tal-Gram Collections. Huwa kien ta direzzjonijiet lill-accountant biex jieħu ħsieb li hemm bżonn.  Fl-istabbiliment seta' jmur darba fix-xahar jew darba fil-ġimgħa.  Huwa qal li ma kienx qed jgħid li ma kienx jaf li ried il-peremss minn għand il-Kummissarju tal-VAT biex jibdel is-sistema. Huwa kien jaf li s-sistema trid tkun irreġsitrata mal-VAT.

Xehed ukoll Charles Attard li huwa konsulent fil-management.  Huwa kien ra l-magni għat-tieni  ġimgħa ta' Diċembru u waħda minnhom, dik ta' Raħal Ġdid,  'iffeljat'. Wara rriżulta li ma kinitx taf tħaddimha s-salesgirl.  L-Awditur kien bix-shut down fil-Milied u x-xhud kien issuġerielu biex jagħmel l-applikazzjoni.  L-appellant kien talbu biex il-magni tiegħu jkunu served bl-exemption number.  Ir-rapport kien lest fis-17th December.

Fil-kontro-eżami huwa kkonferma li s-sistema bdiet taħdem fit-tieni ġimgħa  ta' Diċembru għax kienu qed isejħulha l-implementation stage.  L-appellant kien talab lil Doctor Cassar biex ikollu l-exemption number u Dr Cassar kien qabbad lix-xhud bħala espert biex jiċċekkja l-magni. Ix-xhud kellu jar li l-magni huma skont l-istandards li titlob il-liġi.  Imbagħad l-awditur jinforma lil VAT Department.  L-idea oriġinali li tidħol is-sistema kienet t'a George Tabone.

Xehed fl-aħħarnett Dr Anthony Attard li qal li l-appellant kien talbu biex jara li s-sistema hija VAT compliant biex ikun jsita' japplika. Kien żmien ix-shutdown u x-xhud ħadem mill-qrib ma' Charles Attard sabiex ix-xhud imbagħad japplika għall-exemption. **L-exemption application inbagħtet fil-4 ta' Jannar 2011.**

Ikkonsidrat

L-appellant tħarrek in rappreżentanza ta' Gram Collections Limited u / bħala persuns reġsistrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Li huwa r-rappreżentant ta' Gram Collections Limited jirriżulta mill-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni (fol 5 tal-proċess).

L-artikolu 82 tal-Kap 406 jiddisponi kif ġej:

'**82.** (1) B'żieda u mingħajr preġudizzju għal kull obbligazzjoni ta' xi mpjegat jew persuna oħra, meta xi ħaġa ssir jew tonqos milli ssir minn korp ta' persuni, id-disposizzjonijiet ta'
din it-Taqsima għandhom japplikaw bħallikieku dik il-ħaġa tkun saret jew naqset milli ssir minn kull direttur, *manager* jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' dak il-korp ta' persuni:

**iżda direttur, *manager* jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp ta' persuni ma jkunx ħati ta' reat bis-saħħa ta' dan is-subartikolu jekk huwa jġib prova li huwa ma kienx jaf u ma setax b'diliġenza raġonevoli jsir jaf b'dak l-għemil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-għemil jew nuqqas.'**

Il-Qorti tal-Maġistrati kkummentat hekk:

*'Illi jirriżulta li fil-ġurnata li saret l-ispezzjoni fil-ħanut tas-soċjeta' ġestita mill-imputat miflok cash register kienet qed tintuża sistema komputerizzata. Biex isir dan pero' jkun meħtieġ l-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-VAT liema approvazzjoni tista' tingħata biss wara li s-sitema tiġi ċċertifikata minn persuni kompetenti għal dan il-għan; meta s-sistema tiġi approvata jingħata exemption number li jrid ikun jidher fuq kull riċevuta li tinħareġ mis-sistema.*

*Illi jirriżulta ampjament li fil-ġurnata li saret l-ispezzjoni mhux talli kien għadu ma ħariġx l-exemption number, cioe' s-sistema kienet għadha ma ġietx approvata, imma jirriżulta wkoll li lanqas biss kienet għadha biss ċċertifikata.'*

Il-konklużjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati huma riflessi fil-provi li semgħet din il-Qorti. Filfatt l-applikazzjoni ntbagħtet fl-4 ta' Jannar 2011 waqt li l-ispezzjoni saret fid-29 ta' Diċembru 2010. Jidher li s-sistema bdiet titħaddem madwar it-tieni ġimgħa ta' Diċembru.
Il-provi juru li l-appellant ried li jkollu sistema ċentralizzata biex ikun jista' jikkontrolla x'ħiereġ u dieħel fl-istokk kif ukoll li din is-sistema kellha tkun konformi mal-VAT regulations.

Madanakollu, waqt li tassew ħalla f'idejn nies professjonali sabiex jintleħaq dan l-iskop, l-appellant kien jaf jew imissu kien jaf li ma setax jibda jħaddem is-sistema qabel ma jsiru l-verifiki min-naħa tal-VAT Department u jkollu l-exemption number. Jiġifieri, wkoll jekk kien hemm kull intenzjoni tajba li s-sistema tkun konformi mal-Kap 406, xorta s-sistema ma setgħetx titħaddem qabel il-waqt.

Mill-provi jirriżulta li l-appellant kien jaf li s-sistema qed titħaddem diġa' għalkemm il-proċeduri mad-Dipartiment tal-VAT kienu għadhom mhumiex kompluti. Dan mhux każ li l-appellant qed jinstab ħati għal xi għemil ta' xi impjegata tiegħu, kif jallega r-rikors promotorju, iżda għax kienet qed tinħareġ riċevuta permezz ta' sistema komputerizzata li ma kinitx approvata u għalhekk ma kienx hemm l-exemption number barra l-VAT Number.

Dwar l-impożizzjoni tat-taxxa addizzjonali, mill-provi jirriżulta li r-riċevuti kollha kellhom VAT Number u li ma kienx hemm xi complaint li xi klijent ħareġ mingħajr riċevuta. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-provi fl-assjem tagħhom, ma jindikawx li t-taxxa kienet perikolata.

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' l-aggravju tal-appellant in parti biss u konsegwentement qed tirriforma s-sentenza mogħtija fit-2 ta' Novembru 2011 billi waqt li tikkonfermaha fejn il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni u**

**kkundannatu jħallas multa ta' seba' mitt Ewro (€700) u fejn asteniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni minħabba li din hija alternattiva għall-ewwel waħda u qed tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu jħallas multa addizzjonali ta' €660.50 u miflok qed tilliberah mill-ħlas ta' tali multa.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------